MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 2258/1995/1

**Ivan maghruf bhala John Grech**

**vs**

**Jason Debono**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-28 ta' Dicembru, 1995, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

Fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru tal-elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) l-attur waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni ittra G-tmienja, tmienja, tlieta, seba' (G-8837) tal-marka Mini Minor, fi Triq ir-Rabat, Marsalforn, limiti Zebbug, Ghawdex, ghall-habta tas-siegha u nofs ta' filghodu (1.30 a.m.) kien involut f'incident awtomobilistiku ma' vettura ohra bin-numru ta'

registrazzjoni bl-ittra O-seba', tmienja, seba', tlieta (O-7873), tal-marka Metro, misjuqa mill-konvenut.

Dan l-incident gara unikament minhabba negligenza, imperizja, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku *da parti* tal-konvenut li fil-mument tal-incident kien qieghed isuq fuq il-karreggjata l-hazina tat-triq.

Konsegwenza ghal dan l-incident l-attur sofra danni ingenti konsistenti sew f'danni materjali u kif ukoll telf ta' qliegh futur minhabba debilitazzjoni fizika permanenti.

Il-konvenut u l-assikurazzjoni li biha kienet koperta din il-vettura minkejja li qed jaccettaw r-responsabbilita' ghal dan l-incident naqsu li joffru kumpens xieraq sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti.

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Jekk hemm bzonn tiddikjara illi l-incident oggett ta' din il-kawza gara minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku *da parti* tal-konvenut.

2. Tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji spediti fit-3 ta' Novembru, 1993, fit-8 ta' Lulju, 1994, fid-19 ta' Awissu, 1994, fid-29 ta' Awissu, 1994, fl-14 ta' Dicembru, 1994, fl-4 ta' Jannar, 1995 u tal-itta ufficcjali spedita f'Marzu, 1995 u tal-ittra interpellatorja spedita f'4 ta' Mejju, 1995.

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur;

Rat li l-konvenut ghalkemm notifikat bl-att tac-citazzjoni baqa' ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Rat li kienet giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi sabiex tigbor il-provi relattati ma' dan il-kaz;

Rat li l-imsemmija Dr. Gonzi giet, b'digriet tat-22 ta' Novembru, 2005, sostitwita bl-Assistent Gudizzjarju Dr. Claudine Galea Mercieca;

Rat l-affidavits prodotti bhala prova;

Rat il-verbali u t-traskrizzjoni tax-xhieda mismugha mill-Assistenti Gudizzjarji;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' April, 1996, li *in forza* tieghu gie mahtur Mr. Charles Griscti bhala perit mediku biex jirrelata fuq id-dizabilita' permanenti allegata mill-attur;

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit mediku minnu prezentat u mahluf fit-12 ta' Lulju, 1996;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensur tal-attur;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Qabel xejn, din il-Qorti thossha fid-dmir tirrimarka li ghalkemm din il-kawza ma kellhiex iddum dawn is-snin kollha, il-kawza tad-dewmien huwa rizultat tal-fatt li, ghal snin twal, l-attur talab differiment tal-kawza peress li kien hemm possibilita' li l-kawza tigi tranzatta mas-socjeta' assikuratrici tal-konvenut. Minhabba dawn id-diskussjonijiet, il-provi kienu jigu prodotti bl-iskossi, u kien biss f'Ottubru tal-2004, li d-difensur tal-attur informa l-Qorti li ma kienx gie konkluz ftehim; wara dan, il-process gie

rimess quddiem l-Assistent Gudizzjarju sabiex din tkompli tigbor il-provi.

Jirrizulta li fl-24 ta' Ottubru, 1993, George Curmi, Ivan Grech, u Carmel Cini kienu f'karozza tat-tip Mini-Minor, numru tar-registrazzjoni G-8837, proprjeta' ta' u misjuqa minn George Curmi. Passigier hdejn id-*driver* kien hemm Ivan Grech, waqt li Carmel Cini kien passiggier fuq wara. It-tlett hbieb kienu Ghawdex, fejn jirrisjedu, u kienu qed isuqu fit-triq li mill-belt Vittorja tiehu ghall-Marsalforn, George Curmi kien qed isuq il-vettura tieghu n-naha tax-xellug tat-triq, fil-waqt li mill-faccata kienet gejja karozza ohra numru tar-registrazzjoni O-7873 misjuqa mill-konvenut. Dan tal-ahhar ghall-ewwel kien qed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq, izda, f'daqqa wahda, kiser ghal fuq in-naha l-ohra, u gie fil-karreggjata okkupata mill-vetturi nizlin lejn Marsalforn.

Ma jirrizultax ghaliex il-konvenut qaleb il-*lane* u mar fuq in-naha hazina tat-triq.

Jirrizulta, *pero'*, anke mill-*isketch* u d-depozizzjoni tal-Pulizija li nvestiga l-kaz, li l-habta grat kompletament fin-naha tat-triq li minnha kien ghaddej l-attur. It-tlett hbieb jidher li kienu qed isuqu bi *speed* ftit qawwi, tant li meta raw il-karozza tal-konvenut gejja fuqhom, is-sewwieq tal-Mini-Minor ghafas il-*brake*, u halla marki tul ta' 12.5 metri. Il-kawza tal-incident, *pero'*, ma kienetx il-velocita' tal-Mini-Minor, izda c-cirkustanza li l-konvenut kien qed isuq kompletament fuq in-naha hazina tat-triq. Dan huwa kaz ta' *res ipsa loquitur*.

Ighid **<u>Terrell</u>** fil-ktieb **"The Law of Running-Down Cases"**, pag. 3:-

*"In some areas arising out of road accidents it is unnecessary for the plaintiff to prove actual negligence on the part of the defendant, as the law will infer from the nature of the accident that the driver of the defendant's vehicle has been negligent. In other words the plaintiff may prove facts which in themselves do not establish an actual breach of duty by the defendant, but from which the*

*law will assume that the burden of proving negligence has been discharged by the plaintiff, and the defendant will be in the position of having to meet a 'prima facie' case. If he does not, or cannot, rebut that 'prima facie case', judgement will be given against him. These facts may be either proved by the plaintiff or admitted on the pleadings. Such cases of 'res ipsa loquitur' fall into well-defined groups by reason of the courts having considered certain sets of facts which continually recur and having decided that in such circumstances the plaintiff has 'prima facie' established negligence against the defendant"*.

Dwar din id-dottrina **Giorgi** (**"Obbligazioni"** – Vol. V Pg. 157) ighid:-

*"Vi sono fati dannosi che non si sa se siano l'effetto di umana malizia, negligenza o imperizia, o se siano l'effetto di fortuito … o bene, in questi casi la colpa dev'essere provata direttamente. Vi sono, per contario, altri fatti dannosi che portano l'impronta della colpa, perche' le nove volte su dieci dipendono appunto dalla umana malizia o imperizia. E quindi manifesto che in tali casi puo' bastare la prova del danno, perche' la colpa ne emerga come naturale presunzione, e debba l'autore del danno assumere la prova del fortuito, se voglia liberarsi"*.

Dwar l-istess dottrina **Davies** ighid hekk f'pag. 199 ta' **"The Law of Road Traffic"**:-

*"In an action for negligence, the burden of proof rests upon the plaintiff and therefore, if he is to succeed in his claim, he must usually establish that what the defendant has done, or failed to do, would not have been done or omitted by a reasonable man exercising ordinary prudence. In this task, a plaintiff is sometimes assisted by the operation of the maxim res ipsa loquitur. In other words, if an accident happens which would not ordinarily happen if proper care is used, then the mere occurrence of the accident is prima facie evidence of negligence, provided that defendant or his servants have sole control of the thing by which the accident is caused. In such*

*circumstances, the facts speak for themselves if no explanation is given by the defendant"*.

F'dan is-sens hija wkoll il-gurisprudenza taghna. [Kollez. Vol. XXIV.I.893 u Kollez. Vol.XLI.II.1123].

F'dan il-kaz ukoll *"the facts speak for themselves"*: il-konvenut mar kompletament in-naha hazina tat-triq u baqa' diehel *head-on* fil-Mini-Minor misjuqa minn George Curmi. Jidher li l-konvenut kien qed isuq ukoll bi *speed* qawwi ghax meta habat mal-Mini imbutha lura ghal distanza ta' 0.85 metri. Il-kawza prossima tal-incident, *pero'*, tibqa' s-sewqan tal-konvenut li bla qies u minghajr ebda gustifikazzjoni saq *wrong-side* u baqa' diehel fil-karozza misjuqa min George Curmi (ara "Muscat vs Coppola", deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Mejju, 2005).

*Kwindi* l-konvenut ghandu jinstab unikament responsabbli ghall-incident *in kwistjoni* li sehh fl-24 ta' Ottubru, 1993.

L-attur jallega li konsegwenza tal-incident, hu sofra griehi kbar ta' natura permanenti. Fil-fatt kellu l-*hip* miksur u kellhom jaghmlu xi ghoxrin punt f'wiccu. Hu gie certifikat bil-perit mediku li ghadu jbati minn grad ta' dizabilita' ta' 30%.

Qabel l-incident, l-attur kellu hanut tat-twapet, *pero'*, ma setax jibqa' fin-negozju peress li t-tabib qallu li dak ix-xoghol ma kienx tajjeb ghalih. Hu ghamel snin twal fuq il-krozzi peress li t-tobba f'Malta qalulu li ma kienx ghaqli li jaghmel *"hip replacement"* qabel ma jaghlaq 50 sena. L-attur anke mar l-Ingilterra fejn gie ezaminat minn specjalisti fi sptar Londra, u hemm qalulu li l-*hip replacement* setghet issir, bit-teknologija l-gdida, anke qabel ma jilhaq dik l-eta'. L-attur tela' Londra ma huh Mario, u qed jitlob li hu u huh jigu rimborsati ghall-ispejjez minnhom inkorsi.

Meta rritorna lura Malta, l-attur ikkonsulta ruhu ma' Mr. Bernard, li qallu li operazzjoni simili jkun jista' jaghmilha l-Ingilterra b'finanzi tal-Gvern ta' Malta. Fis-sena 2000, l-attur, flimkien ma' huh Mario, mar Oxford l-Ingilterra fejn

saritlu l-operazzjoni. L-operazzjoni irnexxiet u l-attur beda jimxi b'mod normali bla krozzi. L-attur, f'dan il-kaz, qed jitlob li jigi rimborsat ghall-ispejjez inkorsi minn huh Mario tul iz-zmien li dam jikkumpanjah ghal din l-operazzjoni.

Wara din l-operazzjoni, l-attur xorta wahda inghata parir biex jevita xoghol ta' strapazz u ta' rfigh, u peress li kienet operazzjoni innovattiva, qalulu li kien hemm cans li wara xi zmien seta' jerga jigi fl-istat li kien u jkollu bzonn operazzjoni ohra. Minn wara l-incident, l-attur m'ghamel ebda xoghol iehor, u ghal dawn l-ahhar hdax-il sena jinsab jirregistra.

Rizultat tal-incident, hu spicca *depressed* hafna, u ma jista' jaghmel ebda forma ta' attivita' sportiva. Hajtu inbidlet kompletament, u peress li ma jistax jerfa' toqol u lanqas joqghod bil-wieqfa ghall-hin twil, qed issibha difficli jsib xoghol iehor. L-attur studja biss sa livell sekondarju u jaf jaghmel biss xoghol manwali.

Qabel l-incident, mill-hanut kellu dhul ta' Lm1,647 u dhul ta' paga kellu Lm780 fis-sena. L-attur kellu 26 meta sehh l-incident.

Ghar-rigward tal-percentagg ta' dizabilita', ghalkemm il-perit mediku irrelata qabel mal-attur ghamel l-intervent fl-isptar ta' Oxford, fir-rapport tieghu, l-istess perit mediku qies dan l-intervent, u qal li dan kien l-uniku mod sabiex tnehhi l-ugiegh u fl-istess hin izomm il-moviment tal-gokk. *Nonostante* dan l-intervent prospettat, il-perit mediku xorta qies li l-attur kien se jibqa' bi grad ta' dizabilita' ta' 30%. Dak li ghamel l-attur fl-Ingilterra kien xorta jaghmlu Malta, izda aktar tard. *Kwindi*, l-percentagg ta' dizabilita' ghandu jibqa' l-istess.

Il-Qorti ma tarax li ghandha tlumi lill-attur li, la darba sab l-opportunita' li l-operazzjoni ssir qabel, jahtaf dik l-opportunita'. Hajja b'ugiegh u fil-krozzi mhix cajta, u la l-attur sab mezz kif jehles minn dawn aktar malajr, sewwa ghamel li mar l-Ingilterra u ssottometta ruhu ghall-operazzjoni. Il-fatt li ghamel tlett snin jistenna biex seta' ghamel l-operazzjoni ffinanzjata mill-Gvern Malti, hija

cirkostanza li biha iffranka flus lill-konvenut u b'hekk naqqas id-danni li l-konvenut obbligat li jhallas. *Kwindi*, l-ispejjez inkorsi mill-attur biex setghet issir din l-operazzjoni aktar kmieni milli previst mit-tobba maltin huma rizarcibbli.

Din il-Qorti, *pero'*, ghandha d-dubbji taghha dwar kemm ghandha, u kemm tista, tirrifondi l-ispejjez li nefaq hu l-attur, Mario. Ghall-ewwel vjagg, meta l-attur tela' ghat-testijiet, ma kienx hemm htiega hekk impellenti ghall-prezenza ta' huh, u, ghalhekk, ma tarax li dawn ghandhom jigu rifuzi. Meta l-attur tela' Oxford ghall-operazzjoni, l-ispejjez tieghu thallsu mill-Gvern Malti, izda l-attur hass li kellu jkun akkumpanjat minn huh ukoll. Din il-Qorti tifhem u tapprezza li persuna li tkun ghamlet operazzjoni barra minn Malta jkollha bzonn il-prezenza ta' membru tal-familja, anke ghall-moral; persuna go sptar waheda barra minn Malta, u dan ghall-tlett gimghat, facli taqa' f'*depression* jew f'inkwiet iehor, u allura, kumpanija ta' membru tal-familja tkun necessarja anke biex ma jigix ittardjat ir-rekuperu mill-operazzjoni. Dawn l-ispejjez, *pero'*, kif ammetta l-attur stess, saru u ntefqu minn Mario, u dan mhux parti fil-kawza, u l-Qorti ma tistax tordna rifusjoni ta' flus lill-persuna li mhiex parti fil-kawza. Ghall-ispejjez, allura *"li dahal fihom Mario f'dak iz-zmien"*, il-Qorti ma tistax tordna rimbors.

Il-Qorti, min-naha l-ohra, tara li ghalkemm l-ispejjez tal-vjagg tal-attur thallsu mill-Gvern Malti, waqt li l-attur dam fl-isptar, zgur inkorra spejjez ohra ta' natura personali, li wkoll kellu jidhol fihom minhabba dak li gralu fl-incident. Dawn ma gewx kwantifikati, *pero'*, *arbitrio boni viri* l-Qorti sejra tillikwida dan il-kumpens fis-somma ta' Lm200.

*Kwindi*, bhala *damnum emergens*, l-attur hu intitolat li jiehu s-somma ta' Lm395.80 (ghall-ewwel vjagg lejn Londra, inkluz biljett tal-ajru u akkomodazzjoni), Lm60 (imhallsa lill-konsulent Ingliz), Lm600 (imhallsa lill-isptar Londra ghat-testijiet) u Lm200 ghall-spejjez ohra personali: b'kollox Lm1,255.80.

Bhala *lucrum cessans*, il-Qorti, meta tqies ic-cirkustanzi varjati tal-hajja, sejra tadotta *multiplier* ta' 30 (ara, bhala applikazzjoni ta' dan il-principju, l-kawza "Caruana vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004). Bhala dhul, il-Qorti tara li n-negozju tal-attur kien dejjem jikber, ghalkemm il-qliegh kien relattivament baxx. Il-Qorti tqies li dhul u paga annwali ta' Lm3,000 tirrifletti sew l-*average* tad-dhul prospettat tal-attur, mehud konsiderazzjoni tar-rata ta' tkabbir tan-negozju tal-attur kif jidher mill-*income tax returns* tieghu tal-erba' snin precedenti l-incident. Dan id-dhul ghandu jigi kkalkulat gross, minghajr ebda tnaqqis minhabba taxxa u hlasijiet ohra (ara "Caruana vs Cilia noe", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Frar, 2006).

Ghalhekk, il-*lucrum cessans* tal-attur ghandu jigi kkalkulat hekk:

Lm3,000 x 30 x 30% = Lm27,000

Il-kumpens dovut lill-attur, allura, huwa ta' Lm1,255.80 + Lm27,000, ghall-total ta' Lm28,255.80. Peress li dan l-incident sehh aktar minn 10 snin ilu m'hemmx lok, skond gurisprudenza aktar akkreditata, li jsir tnaqqis minhabba l-fatt li s-somma se jehoda f'daqqa.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attur, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident *in kwistjoni*, u tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm28,255.80 (tmienja u ghoxrin elf, mitejn u hamsa u hamsin liri Maltin u tmenin centezmu) *in linea* ta' danni, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------